**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 252/2017 RM**

**Carmelo sive Charles Bianco u Western Company Limited (C19994)**
**vs**
**Jeremy James Camilleri**

**Illum, 8 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mill-atturi fl-4 ta' Settembru, 2017 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' sitt elef tliet mija u tlieta u sebghin Ewro (€6,373) rapprezentanti prezz ta' vettura Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni WLD 323 mibjugha u kkkonsenjata lilu.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra ufficjali pprezentata precedentement u mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, u l-imghax mis-6 ta' Awissu 2003 meta sar il-bejgh il-kwistjoni sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut pprezentata fir-Registru ta' din l-Qorti nhar is-6 ta' Ottubru, 2017 fejn eccepixxa is-segwenti:-

1. *Illi t-talba attrici fir-rikors promotur rappresentanti l-prezz tal-vettura Mazda 323F bin-numru ta registrazzjoi WLD-325, hija preskritta bil-ligi ai termini tal-artikolu 2148(b) tal kap 16 tal ligijiet ta Malta.*

2. *Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi jekk ikun il-kaz.*

Rat illi b'digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-STO il-Prim'Imhallef, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat is-sentenza minnha moghtija fit-28 ta' Marzu 2019 li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvneut a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha moghti fl-10 ta' Lulju 2019 li permezz tieghu awtorizzat lill-konvenut iressaq risposta ulterjuri b'eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi jew min minnhom f'din l-azzjoni kif ukoll eccezzjonijiet dwar il-mertu tal-azzjoni odjerna;

Rat ir-Risposta ulterjuri pprezentata mill-konvenut fit-22 ta' Lulju 2019 li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet ulterjuri in ottemperanza mad-digriet tal-10 ta' Lulju 2019:-

1. '*Illi preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrenti waqghet bil-preskrizzjoni kwinkwennali skont l-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

2. *Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti, jew min minnhom, kienu hargu kambjali ghall-ammont rapprezentanti l-prezz tal-vettura in kwistjoni, u ghaldaqstant l-ammont dovut skont il-kambjali huwa preskritt bil-ligi, u dan ai termini tal-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummec (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta);*

3. *Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur taz-zewg atturi f'din il-kawza billi hu qatt ma xtara l-karozza mertu ta' dawn il-proceduri fl-istess data minghand iz-zewg persuni li qed jidhru bhala bejjiegha tal-vettura u rikorrenti f'dawn il-proceduri, u fi kwalunkwe kaz ghalhekk l-esponent intimat m' ghandux jigi kkundannat ihallas liz-zewg rikorrenti atturi skond it-talba taghhom kif migjuba u fformolata minnhom flimkien f'din il-kawza, liema talba qatt ma tista' tigi milqughha u ghandha ghalhekk tigi michuda;*

4. *Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, ir-rikorrenti ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom biex iressqu dawn il-proceduri u jaghmlu t-talba li ghamlu;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, galadarba r-rikorrenti ghazlu li jdumu l-fuq minn 15 -il sena biex iressqu dawn il-proceduri, l-esponent assolutament m' ghandux ibati imghax u spejjez ghax huwa antiguridiku li l-esponent ibati ghall-inattivita` tar-rikorrenti;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'*

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-atturi in linea ta' trattazzjoni finali, fis-26 ta' Frar 2020 u rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva pprezentata mill-konvenut fit-13 ta' Lulju 2020;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Rat illi ma hemm ebda ostakolu sabiex is-sentenza tinghata proprju llum stess;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut, wara li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, giet respinta bis-sentenza parzjali moghtija fit-28 ta' Marzu 2019, ressaq zewg eccezzjonijiet ulterjuri tal-preskrizzjoni tal-azzjoni, u dan a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili u tal-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc. Jichad ukoll li huwa l-legittimu kontradittur taz-zewg atturi f'din l-azzjoni u permezz tar-raba' eccezzjoni, jesigi wkoll prova dwar l-interess guridiku tal-atturi sabiex iressqu din l-azzjoni fil-konfont tieghu.

Il-Qorti tqis illi qabel xejn ghandha tigi determinata s-siwi o meno tal-ewwel parti mit-tielet eccezzjoni, u tar-raba' eccezzjoni tal-konvenut ghaliex jekk jintlaqghu, billi huma perentorji tal-azzjoni, dawn ikollhom f'kull kaz l-effett illi jwaqqfu l-proceduri b'mod definittiv, talanqas kwantu l-azzjoni mibdija minn dak l-attur li jigi stabbilit, jekk ikun il-kaz, li ma ghandux legimitazzjoni attiva biex jiddeduci l-konvenut fil-gudizzju. Dawn iz-zewg eccezzjonijiet jistghu wkoll jigu trattati flimkien ghaliex huma entrambi fondati fuq in-nuqqas ta' rapport guridiku bejn il-konvenut u l-atturi jew min minnhom fil-qafas tat-talba kif proposta fir-Rikors promotur.

It-talba tal-atturi Carmelo Bianco u Western Company Limited, kif proposta fir-Rikors promotur, hija ghall-hlas ta' somma rapprezentanti l-prezz ta' vettura li huma bieghu u kkonsenjaw lill-konvenut. Il-konvenut jikkontendi, permezz t-tielet eccezzjoni ulterjuri, illi huwa qatt ma xtara l-vettura mertu tal-kawza

minghand iz-zewg atturi f'salt u ghaldaqstant m'huwiex il-legittimu kontradittur taz-zewg atturi.

Din l-eccezzjoni hija marbuta wkoll mar-raba' eccezzjoni ulterjuri ghaliex kif inhuwa risaput, l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' legittimazzjoni attiva jew passiva necessarjament titnissel min-nuqqas ta' interess guridiku tal-attur fl-azzjoni dedotta in gudizzju kontra l-persuna mharrka.

Fl-istess waqt izda, il-Qorti tqis li ghandu jigi osservat illi m'huwiex korrett il-konvenut meta ressaq l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku bhala eccezzojni fil-mertu ghaliex kif inhuwa risaput, il-kwistjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku fis-sustanza vera taghha hi ta' indoli procedurali kif ukoll perentorja fuq il-proceduri nfushom, proprju ghaliex jekk tintlaqa' din ghandha l-effett li twaqqaf il-proceduri.

**Il-Legittimu Kontradittur tal-Azzjoni**

Kif inhuwa risaput, l-ezistenza o meno tal-legittimazzjoni attiva jew passiva ghandha tigi stabbilita b'referenza biss ghall-formulazzjoni tad-domanda attrici kif dedotta in gudizzju, u ghar-rapport bejn il-konvenut u l-fattispecje tal-*causa pretendi* tal-azzjoni proposta mill-attur. Dan l-istharrig ghandu jsir minghajr ebda accertament tal-mertu tal-kontroversja u minghajr ghalhekk, tigi takkolta jew respinta d-domanda attrici. Dan ifisser illi l-Qorti f'dan l-istadju ghandha tillimita ruhha biex tistabbilixxi jekk abbazi tal-provi akkwiziti fl-atti il-konvenut jistax ikun is-soggett ta' pronunzjament gudizzjarju fil-parametri tad-domanda attrici.

Il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et**[1] deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell fejn gie ritenut illi:-

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza fid-9 ta'April 2008 mill-Qorti tal-Appell, intqal hekk:-

"*In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*"

Imbaghad, fil-kawża fl-ismijiet **Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et**[2], deciza fit-3 ta' Ottubru 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili spjegat illi: "*Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport.*"[3]

---

[1] Cit. Nru. 1365/92AJM

[2] Prim Awla tal-Qorti Civili Cit. Nru. 1236/07GV

[3] Ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti**, fejn inghad li "*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Applikat dan l-insenjament ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis illi ghad-determinazzjoni dwar in-nuqqas ta' legitimazzjoni tad-deduzzjoni tal-konvenut fl-azzjoni kif ifformulata fir-Rikors promtur, jehtieg li jigi stabbilit l-ezistenza ta' rapport guridiku li in bazi tieghu kull wiehed mill-atturi, cioe` sija Carmelo Bianco u sija Western Company Limited seta' jippromwovi l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenut ghall-hlas tal-prezz tal-vettura.

Illi mill-fatti relevanti li johorogu mill-atti tal-kawza ghad-determinazzjoni tal-eccezzjoni ta-nuqqas ta' legitimitazzjoni passiva tal-konvenut, jirrizulta s-segwenti:-

Il-konvenut xtara l-vettura Mazda 323F bin-numru ta' registrazzjoni WLD-323, permezz ta' skrittura li jidher li giet iffirmata 6 ta' Awwissu 2003[4]. Minn dan id-dokument jirrizulta illi l-bejjiegh huwa "Charlie Bianco". Il-prezz tal-bejgh tal-vettura kienet fis-somma, dak iz-zmien, ta' Lm2,000 u li l-konvenut hallas depozitu fis-somma ta' Lm300 akkont tal-prezz, bil-bilanc tal-prezz ikun pagabbli f'rati mensili ta' Lm50. Fost kundizzjonijiet ohrajn, jirrizulta illi l-konvenut accetta wkoll li jiffirma numru ta' kambjali, kull wahda fis-somma ta' Lm50, in linea ta' hlas tal-bilanc tal-prezz tal-vettura.

B'zieda ma' dan, id-dokument intestat *Notice of Transfer*[5] li jidher li kienet intiza biex tigi sottomessa lill-awtoritajiet tat-trasport, ukoll jindika l-bejjiegh tal-vettura in kwistjoni bhala Charles Bianco.

Minn dan, il-Qorti ma ghandhiex dubju illi effettivament, jezisti rapport guridiku innegabbli bejn il-konvenut u l-attur Carmelo Bianco kwantu ghat-talba ghall-hlas tal-prezz tal-vettura, ghaliex huwa evidenti illi l-istess Carmelo Bianco deher bhala l-bejjiegh tal-vettura WLD-323 li giet akkwistata mill-konvenut, fuq zewg

[4] Dok.CSH, fol. 13.
[5] Dok. CSH2, fol. 15.

skritturi li gew konkluzi relattivament ghall-bejgh tal-istess vettura lill-konvenut. Jirrizulta wkoll minn dawn iz-zewg skritturi illi da parti tieghu, il-konvenut intrabat ghall-hlas tal-prezz versu l-istess attur Carmelo Bianco, liema prezz qieghed jintalab il-hlas tieghu f'din il-kawza.

Kwantu ghas-socjeta` Western Company Limited, il-partecipazzjoni taghha fin-negozju tal-bejgh tal-vettura tirrizulta sija min-numru ta' kambjali li nhargu mill-konvenut a favur l-istess Western Co. Limited ghall-hlas tal-prezz tal-vettura, kif ukoll mill-iskrittura privata datata 6 ta' Awwissu 2000[6], ukoll konkluza bejn il-konvenut u Charles Bianco ghall-bejgh tal-istess vettura Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni WLD-323.

Kwantu ghall-iskrittura datata 6 ta' Awwissu 2000 (Dok. CSH2) il-Qorti hawnhekk tosserva illi hu ovvju li din l-istess data, indikata fil-parti ta' fuq tal-iskrittura, hija hazina. Din l-iskrittura, bhall-ohra esebita a fol. 13 tal-atti, hija evidentement wahda *standard* fejn il-klawsoli relattivi japplikaw ugwalment f'kull kaz ta' xiri ta' vettura minghand il-venditur in kwistjoni. Fil-fatt, oltre ghall-konnotati personali, prezz u modalita` tal-pagament, jimtlew biss il-gurnata u x-xahar tal-ftehim, ghaliex anke l-indikazzjoni tas-sena hija stampata. Madanakollu, huwa evidenti illi l-ftehim ma giex konkluz fis-sena 2000 u mill-provi jirrizulta illi din l-iskrittura wkoll giet iffirmata fis-sena 2003. Kemm hu hekk, l-attur Carmelo Bianco xehed[7] illi din l-iskrittura giet iffirmata ftit jiem wara, u kellha tissostitwixxi, l-ewwel ftehim Dok.CSH li ghaldaqstant ma kellux jibqa' jghodd biex jirregola t-trasferiment tal-vettura lill-konvenut u l-hlas tal-prezz.

Da parti tieghu, il-konvenut jinsisti li huwa ma kienx iffirma dan it-tieni ftehim (Dok. CSH1) u ghalkemm tidher il-firma tieghu fuqu, jichad illi dik il-firma hija tieghu. Izda hawnhekk il-Qorti tosserva illi l-konvenut ma ressaq ebda prova li

[6] Dok. CSH1, fol. 14.
[7] Kontro-ezami ta' Carmelo Bianco, 7 ta' Novembru 2019.

teskludi effettivament li l-firma fuq l-iskrittura in dizamina, hija tieghu u in mankanza ta' provi li jichdu dak li jirrizulta *ictu oculi* mid-dokument esebit mill-atturi, il-Qorti ma tistax - minkejja l-konfuzjoni shiha li evidentement hakmet din it-transazzjoni ta' bejgh - twarrab l-ezistenza ta' ftehim iehor iffirmat mill-konvenut ghax-xiri tal-istess vettura Maza 323 bin-numru ta' regitrazzjoni WLD-323 izda taht kundizzjonijiet differenti minn dawk li gew pattwiti fl-iskrittura l-ohra wkoll datata 6 ta' Awwissu 2003 (Dok. CSH).

Inoltre, ghalkemm fuq din it-tieni skrittura ta' bejgh (Dok. CSH1) jinsab dikjarat illi Charles Bianco qieghed jidher ghan-nom ta' "Gianluca Auto Dealers" bhala l-venditur tal-vettura, huwa evidenti li dan huwa biss isem tan-negozju. Ma tressqet l-ebda prova li din tal-ahhar hija xi entita` b'personalita` guridika separata u konsegwentement, il-Qorti ftit ghandha diffikolta` biex tqis illi meta Carmelo Bianco deher ghan-nom ta' Gianluca Autodealer bhala l-proprjetarju u l-venditur tal-vettura Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni WLD-323, huwa ma kienx qed jagixxi f' kapacita` rapprezentattiva ta' xi entita` b'personalita` guridika separata.

Izda fl-istess waqt, jigi osservat ukoll illi l-istess Carmelo Bianco iffirma din l-iskrittura, fil-parti t'isfel taghha, mhux f'ismu proprju u lanqas ghan-nom tan-negozju bl-isem Giancluca Autodealer, izda ghan-nom ta' Western Co. Ltd. Western Co. Ltd, madanakollu, ma tissemma mkien fil-korp tal-iskrittura, la bhala l-venditur tal-vettura in kwistjoni u lanqas bhala persuna li ghandha xi xorta ta' interess fil-vettura. Il-Qorti tqis illi ghalkemm din il-kontradizzjoni fl-ahhar mill-ahhar tohloq xi ftit dubju dwar l-identita` korretta tal-venditur tal-vettura, liema dubju setghet tigi rizolta minnufih bil-produzzjoni *sic et simpliciter* ta' kopja tat-*transfer history* tal-vettura, ghall-finijiet tad-determinazzjoni dwar jekk il-konvenut huwiex il-legittimu kontradittur huwa evidenti illi minkejja l-konfuzjoni li rrejnat f'dan in-negozju, sija l-attur Carmelo Bianco u sija wkoll Western Co. Limited kienu materjalment involuti fin-negozju li wassal ghall-bejgh tal-vettura lill-konvenut.

Ghaldaqstant, billi huwa manifest illi hemm ness guridiku evidenti bejn il-konvenut u kull wiehed mill-atturi, il-Qorti ma taqbilx illi l-konvenut gie mharrek hazin minn xi wiehed mill-atturi ghall-hlas tal-prezz tal-vettura. Ghalkemm ir-relazzjoni guridika tal-konvenut mal-attur Carmelo Bianco jidher li tista' tkun fondata fuq kawzali differenti minn dik li torbtu mal-attrici Western Co. Limited, dan ma jxejjinx ir-rapport guridiku gia` mahluqa kif fuq inghad. Wara kollox, din il-Qorti, bis-sahha tal-Artikolu 213 tal-Kap. 12 xorta wahda ghandha s-setgha, f'kaz li ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors izda jigi ppruvat jedd iehor, li tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor anke ghad li ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali. Mill-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula, jirrizulta li l-konvenut huwa, effettivament, persuna idonea sabiex iwiegeb ghad-domanda attrici kif ifformulata fir-rikors promotur u kif proposta sija mill-attur Carmelo Bianco u sija wkoll mis-socjeta` Westen Co. Limited.

**<u>Nuqqas ta' Interess Guridiku</u>**

B'zieda ma' dan, u fl-istess waqt, huwa wkoll manifest illi entrambi l-atturi ghandhom interess guridiku fl-azzjoni minnhom esperita fil-konfront tal-konvenut. Kif inhuwa risaput, sabiex persuna tirradika d-dritt li tistwitwixxi proceduri gudizzjarji kontra terz, trid qabel xejn turi l-interess guridiku biex tistitwixxi dik l-azzjoni.

In tema legali, biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, iridu jigu sodisfatti diversi kriterji ghaliex il-ligi tesigi li jintwera interess guridiku u mhux biss interess semplici jew kwalsiasi, f'min jipproponi l-azzjoni. Ir-rekwiziti li jikkwalifikaw l-interess li ghandu f'kull kaz jigi riskontrat fl-attur biex jippromwovi u jsostni l-azzjoni minnu esperita, gew raggruppati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Novembru 2003 fil-kawza **Agatha sive Agathina Formosa Gauci v. Dr. Francis Lanfranco et**. Dawk li huma relevanti ghall-kaz tal-lum huma s-segwenti:-

*"(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali;*
*(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;*
*iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd tal-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha;*
*iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita' u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;*
*…*
*vi) l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jrrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;…."*

Issa fil-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti, l-azzjoni hija arginata fuq il-bejgh ta' vettura Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni WLD-323 lill-konvenut abbazi ta' zewg skritturi esebiti fl-atti, b'domanda ghall-hlas tal-prezz tal-bejgh tal-vettura. Kif diga` rajna, filwaqt li l-attur Carmelo Bianco deher f'ismu proprju bhala l-proprjetarju u venditur tal-vettura li kellha tigi akkwistata mill-konvenut kif ukoll bhala l-kreditur tal-obbligazzjoni ghall-hlas tal-prezz, is-socjeta` Western Co. Limited ukoll ippartecipat fit-transazzjoni tal-bejgh. Kemm hu hekk, jirrizulta li l-konvenut accetta li jinhargu a favur tal-istess Western Co. Limited kambjali ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-vettura. Dan ifisser illi l-interess guridiku biex jipprocedu fil-konfront tal-konvenut ghall-hlas tal-prezz tal-vetturi, jissussisti fiz-zewg atturi ghaliex minn ezami tal-atti jirrizulta li entrambi ghandhom dritt ghall-hlas tal-prezz tal-vettura minghand il-konvenut.

Huwa ghalhekk ippruvat li z-zewg atturi ghandhom xi xorta ta' jedd x'jigi rikonoxxut u tutelat fil-konfront tal-konvenut fit-termini ta u konsegwentement, huma zizewg atturi li jistghu jiksbu rizultat vantagguz u utli minn din l-azzjoni.

Jinghad ukoll illi l-fatt li jigi stabbilit li wiehed mill-atturi ghandu l-jedd li jfittex lill-konvenut ma jeskludix necessarjament l-ezistenza ta' interess guridiku f'persuna ohra li tipproponi l-istess azzjoni. Ovvjament, l-ezitu tal-azzjoni fil-mertu hija kwistjoni separata li ma tolqotx l-ezistenza o meno tal-interess guridiku ta' min ikun ippropona l-azzjoni. Ghladaqstant, l-interess guridiku ravvizata fis-socjeta` attrici li jintitolaha tfittex il-konvenut ghall-hlas tal-prezz tal-vettura, ma jxejjinx l-interess guridiku tal-attur Carmelo Bianco f'ismu proprju li jiddeduci lill-konvenut in gudizzju ghall-hlas tal-prezz tal-istess vettura meta huwa ppruvat illi huwa l-proprjetarju u deher ukoll fuq l-iskrittura ta' trasferiment, bhala l-venditur, tal-istess vettura lill-konvenut.

Hawnhekk il-Qorti trid taghmilha cara illi d-dikjarazzjoni taghha li l-konvenut huwa legittimu kontradittur tal-azzjoni kif esperita, u li entrambi l-atturi ghandhom interess guridiku biex jipproponu l-azzjoni odjerna, ma tfisser bl-ebda mod li l-Qorti ma tistax, fil-konsiderazzjoni tal-mertu, tasal ghall-konkluzjoni li huwa wiehed biss mill-atturi li ghandu jew ghandha dritt tircievi l-hlas minghand il-konvenut.

Kif intqal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-15 ta' Novembru 2006:-

*"... ghandu jigi osservat illi ghal fini tal-valutazzjoni tal-legittimazzjoni tal-kontradittorju wiehed ghandu necessarjament u guridikament jiehu rigward ghall-prospettazzjoni ta' l-attur bl-azzjoni minnu intentata u mhux ghall-ezitu tal-kontroversja. Fi kliem iehor, jekk il-konvenut huwiex ukoll il-legittimu kontradittur jiddependi mill-accertament maghmul fuq il-bazi tad-domanda proposta, jigifieri, mir-rizultat persegwit mill-attur fil-gudizzju"*[8]

Ghalhekk, kull aspett li jappartjeni ghall-mertu tal-kontroversja, kien u ghadu impregudikat, kif del resto ghadhom impregudikati l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut u li ghadhom iridu jigu decizi.

---

[8] **Karmenu Mifsud vs Mariano D'Amato** – deciza mill-Qorti tal-Appell (Inf) fil-15 ta' Novembru 2006.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut hekk kif sollevati fir-Risposta ulterjuri tieghu, m'humiex tajbin u ser jigu respinti.**

**Il-Preskrizzjoni tal-Azzjoni**

Permezz tal-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ulterjuri minnu sollevati, il-konvenut rega' invoka l-preskrizzjoni tal-azzjoni izda did-darba isejjes il-preskrizzjoni fuq id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 kif ukoll fuq l-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) kwantu, skont kif imfisser mill-konvenut stess[9], kienu nhargu kambjali ghal ammont rapprezentanti l-prezz tal-vettura trasferita lilu. Kif diga` stabbilit, huwa proprju l-hlas tal-prezz ta' din il-vettura li qed jintalab mill-atturi f'din il-kawza.

Minnufih il-Qorti teskludi l-opponibbilita` tal-azzjoni odjerna bil-preksrizzjoni invokata a tenur tal-Artikolu 542 tal-Kapitolu 13. Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:-

**542.** *Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 238, 239 u 263, l-azzjonijiet li ġejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes, jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin minn dak in-nhar li jagħlqu, u l-azzjonijiet li ġejjin minn tratti jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin mid-data tagħhom.*

Huwa evidenti li l-azzjoni odjerna m'hijiex azzjoni bbazata fuq kambjala u kwindi m'hijiex l-*actio cambiaria* prospettata fl-Artikolu 198 tal-Kap. 13, ghaliex imkien ma huwa mfisser fir-Rikors promotur illi l-hlas tal-prezz mitlub jirrapprezenta l-import ta' kambjali accettati u skaduti. Ghalkemm huwa minnu illi mill-provi jirrizulta li nhargu numru ta' kambjali rapprezentanti l-prezz tax-xiri tal-vettura, skont kif miftiehem ai termini tal-iskrittura datata 6 ta' Awwissu

[9] Ara t-tieni eccezzjoni preliminari.

2003, u li dawn gew accettati mill-konvenut, is-somma ta' €6,373 li l-hlas taghha giet mitluba mill-atturi fir-Rikors promotur tirrapprezenta, dikjaratament, il-prezz tal-bejgh tal-vettura u mhux import ta' kambjali deskritti fl-att promotur. Huwa evidenti wkoll mix-xhieda tal-attur Carmelo Bianco illi t-talba tal-atturi ghall-hlas fl-azzjoni odjerna hija fondata fuq it-termini tal-ftehim ta' bejgh kif prodott in atti u mhux abbazi tal-kambjali. Kemm hu hekk, lanqas l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma gew indirizzati lejn l-azzjoni bhala wahda ta' indoli kambjarja.

Kif gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Angelo Fenech vs Joseph Gaffarena**[10]:-

"*Jigi dedott li ghalhekk f'azzjoni kambjarja l-eccezzjonijet ghandhom ikunu limitati u ristretti ghad-dokument stess (il-kambjal) u m'ghandhomx jidhlu fil-kamp ta' obbligazzjonijet ohra. L-azzjoni kambjarja ghandha hajja ghal kollox indipendenti minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ippreceditha jew obbligazzjoni li setghet iggenerat. Illi l-obbligazzjonijet emergenti huma dawk li johorgu mis-semplici firem tal-persuni li jidhru fuq il-kambjala. (Ara wkoll* ***John Portelli v. John Sullivan,*** *deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta' Ottubru 1989).*"

Fis-sentenza **Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe"** il-Qorti tal-Kummerc f'sentenza moghtija fil-15 ta' Novembru 1993, kienet qalet hekk fir-rigward:-

"*Appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni ad hoc, ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m'ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti."*

**Ghal dawn ir-ragunijiet, it-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni bid-dekors ta' hames snin a tenur tal-Artikolu 542 tal-Kap. 13 tal-Kodici tal-Kummerc, mhux f'lokha u ser tigi respinta.**

---

[10] Decza 12 ta' Dicembru 2007 u konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tad-29 ta' Jannar 2010.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni, fondata fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, jehtieg qabel xejn li jigu identifikati l-fatti saljenti li jirrizultaw mill-provi akkwiziti u li huma relevanti ghad-determinazzjoni ta' din l-eccezzjoni. Dawn huma s-segwenti:-

Il-konvenut isostni li l-vettura li huwa xtara minghand l-atturi kellha xi difetti fiha izda kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet li l-venditur jirranga dawn id-difetti qabel il-pussess tal-vettura jghaddi ghandu. Il-konvenut jghid illi effettivament, huwa ha l-pussess tal-vettura xi sentejn wara li gie ffirmat il-ftehim tal-bejgh, izda wara ftit granet biss, din regghet zviluppat id-difetti u ghalkemm il-venditur ghamel it-tiswijiet necessarji, dawn id-difetti baqghu jitfaccaw kull tant zmien sakemm il-konvenut qal li ma setax ikompli jaghmel uzu mill-vettura. Il-konvenut jistqarr ukoll illi ghalkemm kien lahaq hallas uhud mill-kambjali li kien accetta li jinhargu ghall-hlas tal-prezz tal-vettura, huwa gharraf lill-venditur illi ma kienx sejjer ikompli jhallas il-bilanc tal-prezz sakemm il-hsarat jissewwew, u fil-fatt waqaf ihallas.

Meta rega' xehed sussegwentement minn jeddu ghall-finijiet tal-eccezzjonijiet ulterjuri minnu sollevati, il-konvenut filwaqt illi cahad li huwa debitur sija ta' l-attur Carmelo Bianco u sija tas-socjeta` Western Co. Limited, jistqarr ukoll li huwa ghadu jinsisti illi jithallas talanqas parti mis-somma li giet akkordata in linea ta' danni f'kawza li kien istitwixxa fil-konfront tal-atturi odjerni u deciza mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Jeremy James Camilleri vs Carmelo sive Charles Bianco pro et nomine**[11]. L-istess konvenut irribadixxa wkoll illi sal-lum il-gurnata l-vettura li huwa xtara minghand Carmelo Bianco, ma tistax tissewwa.

[11] 164/2005 – are sentenza esebita a fol. 26 *et seq*., Dok. CSH9.

L-attur Charles Bianco xehed illi huwa kien ikkomunika diversi drabi mal-konvenut biex ihallas il-bilanc dovut fuq il-prezz tal-bejgh tal-vettura u kien gie mgharraf mill-avukat tal-konvenut li l-bilanc dovut fuq il-prezz ma kienx ser jithallas ghaliex kien hemm diversi tiswijiet u spejjez x'isiru fil-vettura. L-attur jghid li huwa kien offra li jibdel il-windscreen tal-vettura a spejjez tieghu. Qal ukoll illi l-konvenut fetah kawza kontrih biex jithallas l-ispejjez ghat-tiswija tad-difetti riskontrati fil-karozza, u illi l-istess konvenut qallu li jkun lest ihallas il-bilanc tal-prezz galadarba tigi deciza l-kawza li kien intavola kontra l-attur. Il-konvenut da parti tieghu jichad illi huwa qatt accetta li jhallas skont l-ezitu tal-kawza li intavola kontra l-attur.

Jirrizulta illi effettivament, il-kawza li kien istitwixxa l-konvenut odjern fil-konfront tal-atturi, giet deciza mill-Qorti tal-Appell [Sede Inf.] fit-30 ta' Gunju 2017 u mis-sentenza relattiva esebita fl-atti[12], jirrizulta illi l-atturi odjerni kienu gew ikkundannati jhallsu lill-konvenut is-somma ta' €2,766.53, cioe` l-ekwivalenti ta' Lm1,187.67 in linea ta' danni.

Ikkunsidrat;

M'huwiex kontestat illi l-partijiet iffirmaw ftehim datat 6 ta' Awwissu 2003 (Dok. CSH) ghall-bejgh lill-konvenut tal-vettura Mazda 323F bin-numru ta' registrazzjoni WLD-323. Skont l-attur Carmelo Bianco, dan il-ftehim gie sorvolat mill-ftehim esebit bhala Dok. CSH1 - erronjament datat 6 ta' Awwissu 2000 - li gie konkluz ftit granet wara b'kundizzjonijiet differenti fir-rigward tal-garanzija moghtija mill-venditur kontra difetti latenti fil-vettura. Dan, izda, huwa michud mill-konvenut li kif rajna, jichad illi huwa ffirma ftehim iehor oltre dak esebit a fol. 13 tal-atti.

[12] Dok. CSH9.

Il-Qorti tosserva wkoll illi fi kwalsiasi kaz, ma jirrizultax illi l-partijiet ftiehmu espressament illi l-ewwel ftehim gie revokat jew ma kellux jibqa' jkollu iktar effett legali. Ghaldaqstant, f'dan l-isfond ta' provi, il-Qorti filwaqt illi hija sodisfatta li gew konkluzi zewg skritturi riferibbilment ghall-bejgh lill-konvenut tal-istess vettura, ma tistax hlief tqis illi entrambi l-iskritturi ghandhom validita` legali bejn il-partijiet safejn huma kompatibbli ma' xulxin u l-obbligi reciproci assunti miz-zewg partijiet ghandhom jinghataw effett.

Effettivament, gie diversi drabi rikonoxxut mill-qrati taghna illi f'kaz ta' kreditu naxxenti minn skrittura, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin, a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Dan jiddisponi hekk:-

**2156.** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

...

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

In propositu, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Farrugia et vs Joseph Attard et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Settembru 2013, intqal hekk:-

"*L-ewwelnett jigi rimarkat li azzjoni li hija naxxenti minn skrittura privata hija milquta b'din il-preskrizzjoni kwinkwennali. Skont l-insenjament ta' l-Appell fil-kawza Attard et. vs Micallef deciza fil-20 ta' Awwissu 1884: "l' azione nascente da una scrittura privata si prescrive col decorso di anni cinque, ove non sia soggetta a Prescrizione piu` breve e questa non sia stata interrotta*."

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 hija effikacji ghall-oppozizzjoni tal-azzjoni attrici, ghaliex din kjarament titratta dwar bejgh naxxenti minn ftehim li gie inkorporat fi skrittura *ad hoc*.

Ikkunsidrat;

Madanakollu, dan premess, ghandu jigi osservat ukoll illi l-Qrati taghna konsistentement irritenew illi l-konvenut huwa prekluz milli jeccepixxi l-preskrizzjoni meta jirrizulta li hu ma jkunx ghadu hallas il-prezz shih. Fir-rigward, il-Qorti tal-Appell f'sentenza recenti[13], fissret hekk:-

*"L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva tipprezumi hlas [ara sentenza tal-Prim'Awla fil-kawza **Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-25 ta' Frar 1920 (Vol. XXIV.i.373)2], cjoe' l-estinzjoni tal-obbligazzjoni.*
*… … …*

*Fil-fehma tal-qorti b'dan il-kliem l-appellat ikkonferma li **ma hallasx il-kera**. Fis-sentenza **Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi (**25 ta' Frar, 1920, Volum XXIV.i.373), intqal:- 'che il convenuto …. ha confessato di non aver pagato fitto …. e quindi avendo confessato di non aver pagato, egli e' precluso dal poter eccepire la prescrizione quinquennale che egli oppone, la quale e' prescrizione presuntiva di pagamento ed e' inconciliabile colla confessione di non aver pagato…'*
*… … …*

*Id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma hallasx, m'hijiex kompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva kontemplata fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 tal-Kodici Civili li jipprezumu l-hlas. Dak li japplika fil-kaz fejn id-debitur jinghata l-gurament (Artikolu 2160 tal-Kodici Civili), il-qorti ma tarax ghalfejn m'ghandux japplika wkoll fejn id-debitur jixhed minn jeddu.*

*L-ghoti ta' raguni ghalfejn ma sarx il-hlas, mhuwiex rilevanti. Fis-sentenza **Zammit and Cachia Trading Co. Ltd et vs Mizzi**, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru 2005, intqal: ""Il-konvenut ex confessis jammetti li huwa ma hallasx u offra l-ispjegazzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raguni minghandu dwar dan. Biex wiehed jissellef mis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Toni Abela nomine - vs - Maurice Vassallo**", Appell, 19 ta' Mejju 2000, "li kieku l-konvenut xehed li m'ghandux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas jiftakar li ghandu jaghtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx. Kwindi lanqas hu kaz li l-konvenut 'ma jiftakarx' li ghandu jaghti xi haga ghax hu jiftakar li ma hallas qatt".*

[13] Sede Inferjuri: **Burmarrad Commercials Limited vs Claude Camilleri**, deciza 29 ta' Lulju 2016.

Mill-premess, jirrizulta manifest illi l-Qrati taghna ilhom konsistentement iqisu illi l-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk id-debitur, billi jassumi certu linja ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-presupposti tal-istitut tal-preskrizzjoni.

Issa f'dan il-kaz, il-konvenut oppona ghall-azzjoni attrici billi jeccepixxi l-preskrizzjoni, izda fit-testimonjanza tieghu moghtija ghall-finijiet tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16[14], huwa kien diga` stqarr illi ma kienx hallas il-bilanc tal-prezz mitlub mill-attur ghaliex il-vettura mibjugha fiha difetti ta' entita` tali li ma setax jaghmel uzu minnha. Ghamilha wkoll car waqt ix-xhieda tieghu illi huwa kien gharraf lill-attur illi sakemm ma jsiru t-tiswijiet kollha mehtiega biex jissewwew dawn id-difetti riskontrati, ma kienx sejjer ikompli jhallas il-bilanc.

Effettivament, fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2018, il-konvenut xehed hekk:-

*"Fil-fatt, kont gharraftu illi qabel ma effettivament isewwiha sew ma kontx ha nkompli bil-pagamenti."*

Meta rega' xehed minn jeddu fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2018, rega' ghamel l-istess dikjarazzjoni[15] u fost ohrajn qal:-

*"Issa, jiena meta waqaft inhallas, waqaft nuza l-karozza.*
*…*
*… jiena kont incempel … is-Sur Bianco regolari … biex isewwili l-karozza. Jigifieri dan hadtielu diversi drabi, immur ghaliha…"*

In kontro-ezami qal:-

[14] Ara xhieda tal-konvenut, fol. 74.
[15] Fol. 72.

***Dr. David Camilleri**: "Jigifieri inti kont ghidt lis-Sur Bianco: "Mhux se nhallsek sakemm tarrangali dawn il-hsarat".*

***Jeremy James Camilleri**: "Iva".*

Din il-linja difensjonali, fil-fehma tal-Qorti u kif diga` fissret fis-sentenza in parte moghtija fit-28 ta' Marzu 2019, m'hijiex kompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni msejsa fuq wahda mid-dispozizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili, ghaliex huwa evidenti li l-konvenut mhux biss qieghed jistqarr li ma hallasx il-bilanc tal-prezz pretiz mill-attur f'din il-kawza, izda qieghed ukoll ifisser ghaliex ma jridx ihallas. Ma jistax ghalhekk, fl-istess nifs, isostni li l-azzjoni hija preskritta.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Issa f'dan il-kaz il-konvenut xehed minn jeddu fi tliet okkazzjonijiet, fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2018 u fid-29 ta' Novembru 2018, u sussegwentement fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2020, izda huwa evidenti li hija biss id-dikjarazzjoni li saret fix-xhieda tas-7 ta' Jannar 2020 li tinkwadra ruhha fil-formula rikjesta taht l-Artikolu 2160(1) tal-Kap. 16. Dan l-Artikolu jiddisponi illi min irid jipprevalixxi ruhu mill-preskrizzjoni brevi taht *inter alia*, l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili, ghandu (i) jixhed minn jeddu u (ii) jaghti l-gurament waqt il-kawza li ma hux debitur[16].

Ghalkemm huwa minnu li l-konvenut eventwalment ta ġurament minn jeddu waqt il-kawża u iddikjara in konformita` mal-htigijiet tal-Artikoli 2160 tal-Kap. 16, li m'huwiex debitur u ma ghandux jaghti lill-atturi, u dan fid-depozizzjoni tieghu tas-7 ta' Jannar 2020, din id-dikjarazzjoni tikkozza max-xhieda precedenti

[16] Ma jistax jghid lanqas li huwa *ma jiftakarx jekk hallasx jew le* ghaliex gie ritenut li din il-formola tapplika biss ghall-eredi tad-debitur – vide sentenza fl-ismijiet **Vincenzo Cauchi vs Giovanni Scerri**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955.

tieghu f'din il-kawza, fejn stqarr li huwa ma hallasx ghaliex irid li l-venditur l-ewwel isewwilu d-difetti fil-karozza.

Il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax twarrab ix-xhieda precedenti moghtija mill-konvenut ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, anke jekk il-preskrizzjoni eccepita f'dak l-istadju kienet imsejsa fuq disposizzjoni ohra tal-ligi. Il-fatt illi nghatat sentenza parzjali fejn giet michuda dik l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ma jfissirx illi x-xiehda li nghatat mill-konvenut ghall-finijiet ta' dik il-preskrizzjoni ghandha titqies bhallikieku qatt ma nghatat jew li tiflet ir-relevanza taghha. Galadarba l-procediment huwa wiehed uniku, il-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni u qies ta' kull prova akkwizita fl-atti anke ghall-fini tad-determinazzjoni ta' xi eccezzjoni ulterjuri li tkun giet sollevata qabel tkun inghatat sentenza in parte. Wara kollox, ix-xhieda li giet appena citata, kienet inghatat mill-konvenut ghall-fini ta' eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghaldaqstant ma hemm xejn x'jimpedixxi li din l-istess xhieda sservi wkoll ghad-determinazzjoni ta' eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni.

F'kull kaz, kif gia` kkunsidrat iktar qabel, il-konvenut meta rega' xehed wara li ressaq ir-Risposta ulterjuri tieghu, ma eskludiex li ghadu qed jinsisti fuq il-hlas tal-ammont li gie aggudikat favur tieghu in linea ta' danni ghad-difetti li gew riskontrati fil-vettura li huwa xtara minghand l-atturi odjerni, u dan fil-kawza li kien istitwixxa fil-konfront tal-atturi odjerni[17]. L-istess konvenut irribadixxa wkoll illi sal-lum il-gurnata l-vettura li huwa xtara minghand Carmelo Bianco, ma tistax tissewwa.

**Il-Qorti ghal dawn ir-ragunijiet kollha fuq kunsidrati, qieghda tqis illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa abbazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 ma tistax tirnexxi u qieghda konsegwentement tichadha.**

[17] Ara sentenza Dok. CSH9.

**Eccezzjonijiet Ohrajn**

Il-konvenut, fit-tielet eccezzjoni tieghu oltre ghan-nuqqas ta' interess guridiku, jikkontendi wkoll illi f'kull kaz, galadarba z-zewg atturi ma jistghux jitqiesu entrambi bhala l-bejjiegha tal-istess vettura, huwa ma jista' qatt jigi kkundannat ihallas liz-zewg atturi. Madanakollu, il-Qorti wara li rat illi l-attur Carmelo Bianco deher fuq iz-zewg skritturi ta' trasferiment tal-vettura f'ismu personali u, kwantu ghall-ftehim Dok. CSH1, iffirma l-iskrittura ghan-nom tas-socjeta` Western Co. Limited, tqis illi l-fatt illi zewg persuni distinti dehru bhala l-venditur ghall-fini tat-trasferiment tal-vettura lix-xerrej ma huwa ta' ebda konsegwenza jew pregudizzju ghax-xerrej li mhu sejjer isofri l-ebda pregudizzju b'daqshekk.

Skond l-Artikolu 1152 tal-Kodici Civili:-

*"(1) Il-hlas ghandu jsir lill-kreditur, jew lill-persuna li jkollha minghandu, mill-qorti jew mil-ligi, is-setgha li tircievi l-hlas.*

Fl-istess waqt izda, tqis ukoll li hemm lok illi f'dan il-kaz, billi jidher illi l-jedd ghall-hlas tal-prezz jappartjeni liz-zewg atturi flimkien bhala kredituri tal-obbligazzjoni, jigi ordnat illi l-obbligazzjoni tal-hlas tkun wahda *in solidum* favur iz-żewġ kredituri ghall-finijiet tal-Artikolu 1090 *et sequitur* tal-Kodici Civili, b'dan illi kull wieħed mill-atturi jkollu l-jedd li jircievi l-ħlas tal-kreditu kollu, u l-ħlas magħmul lil wieħed minnhom ghandu jeħles lill-konvenut.

Madanakollu, il-Qorti m'hijiex sodisfatta illi l-ammont mitlub fir-Rikors promotur hija dovuta fl-intier taghha ghaliex ma ntweriex kif mill-prezz tal-vettura fis-somma ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000)[18], jista' jkun dovut l-ammont ta' €6,373. Il-partijiet jaqblu illi fuq dan il-prezz kien thallas depozitu ta' tliet mitt Lira Maltin (Lm300) izda ma ngiebet l-ebda prova dwar pagamenti ohrajn li

[18] Dan huwa l-prezz maqbul fuq iz-zewg skritturi ta' bejgh, Dok. CSH u Dok. CSH1.

saru akkont tal-prezz. L-atturi ressqu l-prospett Dok. S[19] in atti li jindika li l-imghax gie komputat bil-quddiem f'kull pagament ta' hamsin Lira Maltin (Lm50) li kellu jithallas mensilment mill-konvenut. Madanakollu, ghalkemm fil-ftehim immarkat Dok. CSH1 jinsab stipolat illi "*id-differenza ta' Lm1,700 sbatax-il Lira Maltin (Lm1,700) ser jithallsu Lm50 fix-xahar ghall 48 xahar*", imkien ma gie mfisser f'din l-iskrittura illi l-konvenut kien qed jaqbel specifikatament li d-differenza bejn il-bilanc tal-prezz tal-vettura u l-ammont kollu li kien ser jispicca jhallas il-konvenut fl-ahhar tal-48 xahar (differenza ta' Lm700)[20], kellu jirrapprezenta imghaxijiet. Kemm hu hekk, ma saret l-ebda referenza kwalsiasi fl-iskrittura ghar-rata tal-imghax allegatament maqbul u kif dan l-imghax kellu jigi jew gie komputat u f'kull kaz, il-prospett Dok. S m'huwiex parti mill-ftehim bejn il-partijiet ghaliex evidentement, dan gie mahdum fit-23 ta' Mejju 2019. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dan id-dokument bhala prova ta' dak li gie maqbul bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, anke ghaliex kif inghad, ma jirrizultax illi l-obbligazzjoni tal-hlas tal-prezz f'dan il-kaz hija wahda kummercjali, il-Qorti ma tqisx illi fuq il-bilanc tal-prezz maqbul fiz-zewg skritturi dwar il-bejgh tal-vettura, hija tista' tikkonvalida ftehim dwar applikazzjoni ta' kalkolu ta' imghax li ma jirrizultax li huwa wiehed maqbul speficikatament bejn il-partijiet u meta ma jirrizultax mill-istess ftehim illi l-konvenut accetta li jhallas, fl-ahhar mill-ahhar, ammont addizzjonali ta' Lm700 kwantu imghax, liema ammont wara kollox jirrapprezenta ftit iktar min-nofs l-ammont dovut minnu bhala kapital.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ammont li huwa dovut lill-atturi in linea tal-bilanc dovut fuq il-bejgh tal-vettura lill-konvenut, huwa l-ekwivalenti f'Euro tas-somma ta' Lm1,700, jew tliet elef disa' mija u disgha u hamsin Euro u tlieta u disghin centemzu (€3,959.93).**

---

[19] Permezz ta' nota tat-3 ta' Gunju 2019, fol. 99, 100 u 101.

[20] Lm2,400 minflok Lm1,700,

Ikkunsidrat;

In konkluzjoni, riferibbilment ghall-hames eccezzjoni tal-konvenut fir-Risposta ulterjuri tieghu, il-Qorti ma tistax hlief tosserva illi l-fatt illi l-kreditur ikun dam ma ddeduca fil-gudizzju t-talba ghall-hlas tal-kreditu lilu dovut, ma ghandu qatt jibbenefika lid-debitur meta jirrizulta li d-debitu jkun fil-fatt dovut u esigibbli, bhalma huwa wara kollox, f'dan il-kaz. Id-debitur huwa dejjem u fi kwalsiasi kaz, obbligat li jaghmel tajjeb ghad-dewmien fil-hlas ta' somma determinata, billi jhallas id-danni li jigu mid-dewmien tal-ezekuzzjoni. Dawn id-danni, skont kif dispost mill-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili, jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li ghandha tinghata, meqjusin bi tmienja fil-mija[21].

Dwar id-data minn meta ghandhom jibdew jiddekorru l-imghaxijiet, jinghad illi fil-kaz in dizamina ma jirrizultax mill-provi illi l-atturi interpellaw lill-konvenut b'att gudizzjarju ghall-hlas tas-somma minnhom pretiza, qabel intavolaw din il-kawza. Effettivament, id-dokument esebit a fol 36 huwa biss kopja informali ta' ittra li ghalkemm jidher li kienet intiza li tigi pprezenta bhala ittra gudizzjarja, m'hemmx prova li din giet ipprezentata u jew notifikata formalment lill-konvenut.

Inoltre, galadarba ma jirrizultax illi l-obbligazzjoni tal-hlas pretiz mill-atturi hija obbligazzjoni kummercjali, anke ghaliex kif diga` stabbilit, din l-azzjoni ma gietx imfassla bhala l-*actio cambiaria* kif mahsuba fil-Kodici tal-Kummerc u l-hlas mhux qed jintalab abbazi tal-kambjali, fil-fehma tal-Qorti ghandha tapplika r-regola stabbilita mill-Artikolu 1141 tal-Kap. 16:-

[21] **1139.** *Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.*

*F'kull kaz iehor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

Issa fil-kaz in dizamina, jirrizulta li l-ewwel interpellazzjoni ufficjali li saret lill-konvenut ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-vettura lilu mibjguha, hija dik li saret bil-prezentata tar-Rikors promotur f'din il-kawza u ghaldaqstant, l-imghax fuq il-kapital li jigi stabbilit li huwa dovut ghandu jibda jiddekorri minn din id-data. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li ghamel l-abbli difensur tal-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, illi l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza ghaliex il-Qorti kellha taghmel ezercizzju ta' likwidazzjoni, u dan stante illi l-konvenut, meta gie notifikat bir-Rikors promotur, kien ufficjalment interpellat a tenur tal-Artikolu 1141 bi hlas ta' ammont determinat, bil-konsegwenza li l-imghax beda jiddekorri minn dik id-data fuq is-somma mitluba. Jekk imbaghad jirrizulta mill-provi akkwiziti fl-atti li dik is-somma originarjament mitluba m'hijiex dovuta fl-intier taghha - kif jirrizulta f'dan il-kaz odjern - l-imghax dekorribbli kif appena inghad, ikun dovut biss fuq il-parti mis-somma aggudikata bhala dovuta.

Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-onvenut, il-Qorti f'dan il-kaz ma gietx mitluba tillikwida l-ammont li huwa dovut lill-atturi izda giet mitluba tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' dak l-ammont: il-fatt li l-Qorti stabbiliet li l-ammont kif mitlub mhuwiex kollu dovut, ma jfissirx li ghamlet ezercizzju ta' likwidazzjoni bil-konsegwenza tal-applikazzjoni tar-regola *in liquidis non fit mora*. Il-Qorti tqis illi galadarba hu evidenti li l-interpellazzjoni ma kienetx wahda limitata ghat-twettiq b'mod generali tal-obbligazzjoni tal-hlas, il-konvenut gie mqieghed *in mora* meta gie notifikat bir-Rikors promotur u dan ghaliex gie mgharraf formalment bl-ammont pretiz mill-atturi (is-somma ta' €6,373) u kwindi bl-oghla ammont li seta' jigi kkundannat ihallashom bl-ezitu ta' dik il-procedura. B'hekk, f'dan il-kaz l-iskop tal-Artikolu 1141 tal-Kap. 16, kjarament intlahaq.

Il-Qorti taqbel mal-insenjament tal-Qorti tal-Appell kif imfisser fis-sentenza citata mill-konvenut fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limites vs Paul Tabone**[22], cioe` illi una volta l-interpellazzjoni ghall-hlas issir kwantu ghal somma specifikata fl-att gudizzjarju, l-imghax fuq is-somma jibda jiddekorri mid-data ta' dik l-interpellazzjoni irrispettivament mill-fatt li l-Qorti tkun eventwalment irriduciet is-somma specifikata f'dak l-att.

**B'applikazzjoni tal-kunsiderazzjonijet appena maghmulin, f'dan il-kaz l-imghax ghandu jibda jiddekorri fuq is-somma ta' €3,959.93 mill-4 ta' Settembru 2017, cioe` d-data tal-prezentata tar-Rikors promotur.**

Kwantu ghall-ispejjez, galadarba l-Qorti tqis illi s-somma mitluba fir-Rikors promotur huwa dovut biss parzjalment, tqis li l-ispejjez ghandhom jigu ripartiti.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut fir-Risposta ulterjuri tieghu tat-22 ta' Lulju 2019, tilqa' t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi *in solidum* bejniethom s-somma ta' tliet elef disa' mija u disgha u hamsin Euro u tlieta u disghin centemzu (€3,959.93), bl-imghax mill-4 ta' Settembru 2017, u bl-ispejjez jithallasu kwantu ghal nofs mill-atturi *in solidum* bejniethom u kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**

[22] Qorti tal-Appell [Sede Inf.], deciza 17 ta' Frar 2003.